**8 ta' Lulju, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Korporazzjoni TeleMalta

*versus*

Giuma Nasser El-Miludi

**Kontumaċja - Żball fl-Isem - Nullità ta' Sentenza**

*Meta l-konvenut jiġi mharrek b'isem żbaljat, is-sentenza ma jistax ikollha effett fil-konfront tiegħu galadarba kemm iċ-ċitazzjoni kif ukoll is-sentenza ma jirreferux għalih imma għal persuna ineżistenti. Huwa fl-interess ta' l-attur li l-atti jiġu ssanati billi ssir il-korrezzjoni meħtieġa u ssir in-notifika mill-ġdid bl-att taċ-ċitazzjoni debitament korrett.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Ottubru, 1996 li tinqara hekk:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tas-soċjetà attriċi li biha ppremettiet:

Illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti viġenti li jirregolaw l-użu tas-servizzi mogħtija mill-Korporazzjoni Telemalta, il-konvenut għandu jagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm1,593.49 (elf, ħames mija u tlieta u disgħin lira u disa' u erbgħin ċenteżmi) bħala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv għal-linji bin-numru 375519 u dan kif jidher mill-prospett esebit ma' din iċ-ċitazzjoni;

Permess illi interpellat sabiex iħallas is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti;

Talab li għalhekk il-konvenut jgħid għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

Tikkundannah iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm1,593.49 dovuta minnu bħala prezz ta' servizz tat-telefon *relattiv għal-linji bin-numru 375519, kollox kif intqal fuq u* għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjetà attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament innotifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u baqa' kontumaċi;

*Omissis*;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta ppruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċidi billi tilqa' t-talba

tas-soċjetà attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut li bih espona:

"Illi f'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Ottubru, 1996, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Illi l-Korporazzjoni attriċi kienet ippremettiet illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti viġenti li jirregolaw l-użu tas-servizzi mogħtija mill-Korporazzjoni Telemalta, il-konvenut għandu jagħti lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm1,593.49 (elf, ħames mija u tlieta u disgħin lira u disa' u erbgħin ċenteżmi) bħala prezz ta' serviz tat-telefon relattiv għal-linja bin-numru 375519;

Illi billi l-konvenut ma jifhimx bil-lingwa Maltija huwa ma fehemx illi kellu jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u għalhekk waqa' kontumaċi;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kompliet tgħid:

"... illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament innotifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi; ... Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta ppruvata";

Illi l-aggravju hu ċar u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti:

Ma tatx smigħ xieraq lill-konvenut appellant;

Għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti;

Illi kienet bint l-appellant ta' sittax-il sena li ġiet innotifikata biċ-ċitazzjoni ta' l-attur appellat; illi hija ma tifhimx bil-Malti kif ma jifhimx l-appellant u għalhekk huwa ma fehmx li kellu jwieġeb għaċ-ċitazzjoni fi żmien stipulat; illi għalhekk huwa waqa' kontumaċi u ma ngħatax l-opportunità jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu; illi dan jikkostitwixxi nuqqas ta' smigħ xieraq fil-konfront ta' l-appellant;

Illi huwa għandu biżżejjed provi biex juri li n-numru telefoniku kkwotat bħala tiegħu fiċ-ċitazzjoni mhux fil-fatt in-numru tiegħu u għalhekk ma għandux jiġi kkundannat iħallas tali ċifra indikata; illi għalhekk, jekk ma jinstemgħux dawn il-provi se tkun ipperpetrata inġustizzja ma' l-appellant";

Għaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi u tibgħat l-atti kollha tal-kawża lill-Ewwel Onorabbli Qorti, biex tinstema' x-xhieda jew tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Korporazzjoni attriċi;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-Korporazzjoni Telemalta appellata li biha esponiet:

"Illi s-sentenza appellata hija ġusta u tisthoqqilha konferma peress illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma għamlet xejn iżjed ħlief li applikat il-liġi tal-Proċedura Ċivili, għall-kuntrarju l-appellant, li kellu d-dritt li jitlob lir-Reġistratur traduzzjoni bil-lingwa Ingliża ta' l-att taċ-ċitazzjoni, li huwa jallega li ma fehmux billi dan kien bil-Malti u l-appellant ma kienx jaf bil-Malti allegatament;

Illi l-appellant żgur irrealizza li l-att li rċeva u li bih kien ġie nnotifikat bil-posta rreġistrata jew bl-uffiċjal tal-Qorti kien att uffiċjali u għalhekk messu ħa parir dwaru jew mingħand avukat jew mingħand l-awtorità li kienet ħarġitu. Dan jinstab *ictu oculi* fuq kull Att ta' Ċitazzjoni;

Kieku għamel dak li kwalunkwe persuna mżejn b'intelliġenza ordinarja għandha tagħmel, kien jiġi mogħti kull tagħrif meħtieġ biex huwa jagħraf jirregola ruħu. L-injoranza tal-liġi ma tiskuża lil ħadd;

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata u tiċħad dan *l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant*";

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lill-appellant fl-udjenza ta' l-10 ta' Marzu, 1988;

*Rat il-verbal ta' l-udjenza msemmija quddiem din il-Qorti* li jgħid li l-Qorti ġiet murija l-karta ta' l-identità ta' l-appellant li minnha jirriżulta li l-isem korrett tiegħu hu GIUMA NASSER EL-MILUDI u minn dan jidher illi kemm it-taħrika u kemm is-sentenza huma skorrettament indirizzati;

Wara li ġie vverbalizzat dak hawn fuq riferit, deher Dottor *Anthony Farrugia għall-appellat u talab li l-atti jiġu korretti kull* fejn jirrikorri l-isem ta' l-appellant konvenut. Dottor Patrick Galea ddikjara li huwa ma jopponix ruħu u jagħti ruħu b'notifikat bl-atti kif korretti bir-riserva li quddiem il-Prim'Istanza jingħata l-opportunità li jagħmel l-eċċezzjoni tiegħu;

Il-kawża mbagħad ġiet differita għas-sentenza;

Illi, kif jirriżulta mill-verbal fuq ċitat, l-appellat stess irrikonoxxa li hemm bżonn ta' korrezzjoni fl-isem tal-konvenut kull fejn jirrikorri fl-atti u li l-konvenut ma opponiex ruħu għal dan, *bir-riserva li quddiem il-Prim'Istanza jingħata l-opportunità li jagħmel l-eċċezzjoni tiegħu. Għalhekk, fil-fehma* ta' din il-Qorti, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata billi l-konvenut ġie mħarrek b'isem żbaljat u s-sentenza appellata ma jistax ikollha effett fil-konfront tiegħu ġaladarba kemm iċ-ċitazzjoni kif ukoll is-sentenza ma jirriferux għalih imma għal persuna ineżistenti u huwa fl-interess ta' l-istess attur li l-atti jiġu ssanati billi ssir il-korrezzjoni meħtieġa u ssir in-notifika mill-ġdid bl-att taċ-ċitazzjoni debitament korrett;

Jiġi rrilevat li la fir-rikors li kien ġie ppreżentat mill-konvenut quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Prim'Istanza li bih *huwa talab li jissana l-kontumaċja tiegħu u lanqas fir-rikors ta'* l-appell tiegħu ma rrileva l-iżball fl-atti ta' l-isem tal-konvenut. Kif għandu jiġi ukoll osservat li mhux fondat l-aggravju dedott mill-appellant li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tatx smigħ xieraq lill-konvenut. Jirriżulta li l-konvenuut kien ippreżenta r-rikors fuq riferit fil-25 ta' Settembru, 1996 (fol. 9), iżda mbagħad la deher hu u lanqas id-difensur tiegħu għas-smigħ tal-kawża fl-1 ta' Ottubru, 1996 u kif ġustament osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-anqas ħaġa li setgħu għamlu kienet li jidhru biex jiġġustifikaw it-talba fir-rikors u kienet għalhekk li l-Qorti ċaħdet dik it-talba u ddikjarat il-kontumaċja tal-konvenut. Jiġi *rrilevat ukoll li mhux korrett dak li xehed l-appellant quddiem* din il-Qorti li huwa kien sar jaf bil-kawża meta saru xi atti esekuttivi fil-konfront tiegħu, billi, kif ġà ġie rrilevat, ir-rikors tiegħu biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu ġie ppreżentat qabel l-ewwel dehra;

Għalkemm mill-provi prodotti jista' jkun hemm raġunijiet oħra li jinfiċċjaw l-atti proċesswali, ma hemmx bżonn li dawn jiġu kkunsidrati una volta li l-partijiet jaqblu li hemm bżonn li ssir il-korrezzjoni msemmija fl-atti u biex isir dan, trid tiġi ddikjarata nulla s-sentenza appellata u l-atti rrinvijati lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex tiġi ordnata l-korrezzjoni meħtieġa u ċ-ċitazzjoni kif korretta tiġi mill-ġdid innotifikata lill-konvenut billi l-konvenut ma jistax jitqies kontumaċi ġaladarba ma ġiex innotifikat korrettement;

Rat id-digriet tal-lum li bih din il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-isem tal-konvenut a tenur tal-verbal ta' l-udjenza ta' l-10 ta' Marzu, 1998;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiddikjara nulla s-sentenza appellata billi l-isem fl-atti li bihom ġie nnotifikat il-konvenut ma kienx korrett, u konsegwentement tirrinvija l-atti lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu mid-data tan-notifika bir-riappuntament tas-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-Korporazzjoni attriċi appellata.